

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10291/22
ADD 1

AGRI 265
AGRILEG 99
PHYTOSAN 24
DELECT 90

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 3699 final ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jstabbilixxi deroga mill-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, u mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2007

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3699 final ANNEX.

Mehmuż: C(2022) 3699 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2022
C(2022) 3699 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jistabilixxi deroga mill-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, u mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2007

ANNEX

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-INTRODUZZJONI TAL-KAXXI TAL-MUNIZZJON, KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1

Il-kaxxi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (1) juru marka li tikkonferma li ġew manifatturati sal-31 ta' Awwissu 2007;
- (2) juru marka li tindika li ġew trattati bi preżervattiv tal-injam approvat mill-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Istati Uniti tal-Amerka.
- (3) f'każ li dawn il-kaxxi jkunu ssewwew minn meta ġew manifatturati, l-injam użat għal dak il-għan jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;
- (4) il-kaxxi jkunu magħmula mill-injam. Dak l-injam irid jew tkun tneħħietlu kompletament il-qoxra tas-siġra jew ikun fih biss biċċiet żgħar tal-qoxra li jidhru separati u distinti minn xulxin. Dawk il-biċċiet tal-qoxra tas-siġra jridu jikkonformaw ma' wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) ikunu anqas minn 3 cm fil-wisa' (irrispettivament mit-tul);
 - (b) meta jkunu akbar minn 3 cm fil-wisa', l-erja tas-superfiċe totali ta' kull biċċa qoxra tas-siġra tkun anqas minn 50 cm²;
- (5) il-livell tal-kontenut tal-umdità tagħhom ma jkunx aktar minn 20 %;
- (6) kienu nħażnu f'binj magħluq u trasportati f'kontenituri magħluqa, jew b'għata protettiva sħiħa;
- (7) ikunu akkumpanjati minn dokument maħruġ mid-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti tal-Amerika li jikkonferma l-konformità tal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (4), (5) u (6).